

# Katechein

Issue: 3/19

## Fejn Qegħdin?

***Għeżież Katekisti u Kollaboraturi fl-Edukazzjoni għall-fidi,***

Is-sajf għoddu għadda wkoll u kulħadd qed jerġa' jibda jipprepara għal sena kateketika oħra. Bħal kull sena, is-sena kateketika ġġib magħha ħafna preparazzjoni u xi kultant anki ansjetà. Din l-ansjetà ġejja mill-fatt li aħna dejjem nippruvaw li nagħtu l-aħjar lil dawk kollha li huma afdati f'idejna biex nedukawhom għall-fidi. Diffikultà oħra hija n-nuqqas dejjem evidenti ta' persuni li jagħżlu u jkunu lesti li jippreparaw ruħhom sewwa għal dan il-ministeru. Din hija biċċa wġiegħ ta' ras għal dawk kollha li huma responsabbli għall-katekeżi fil-parroċċi.

Is-Segretarjat għall-Katekeżi f'dawn l-aħħar snin dejjem ipprova jifhem din id-dinamika tan-nuqqas ta' katekisti u ta' min huma eżattament il-katekisti li huma mpenjati fil-parroċċi u f'żoni pastorali Maltin. Kien għalhekk li matul is-sajf li għadda s-Segretarjat għall-Katekeżi beda l-proċess biex tinġabar informazzjoni ħalli jkollu stampa aktar ċara u sħiħa ta' min huma l-katekisti li huma impenjati f'Malta. Din l-informazzjoni issa kważi waslitilna kollha.

Għaldaqstant fix-xhur li ġejjin se jsir analiżi tagħha bil-ħsieb li fil-bidu tas-sena 2020 isir Kungress Kateketiku li fih tiġi ppreżentata l-istampa sħiħa tal-katekeżi f'Malta. Għal dan il-Kungress se jkunu mistiedna speċjali l-katekisti u l-Kappillani u Retturi tal-Knejjes, u fih ukoll se jkollna ċ-ċans li naqsmu magħkom xi idejat dwar il-futur u dak li naħsbu li jkun adattat għall-katekeżi f'Malta fiċ-ċirkustanzi tallum. Aktar dettalji dwar dan il-Kungress nagħtuhom aktar 'il quddiem.

**Rev. Dr Carl-Mario Sultana**
**Deleġat għall-Katekeżi**

*carlmario.sultana@maltadiocese.org*
*7960 3872*

Nixtieqi li nwasslu KATECHEIN għand il-katekisti kollha. Jekk tafu b'katekisti li għal xi raġuni jew oħra m'humiex qed jirċevuha, għidulhom jibgħatulna email fuq info.katekezi@maltadiocese.org